

Rikors ippreżentat fid-29 ta' Diċembru 2010 — El Corte Inglés vs UASI

(Kawża T-593/10)

(2011/C 80/38)

Lingwa tal-kawża: l-Ispanjol

Partijiet

Rikorrenti: El Corte Inglés, SA (Madrid, Spanja) (rappreżentanti: J. L. Rivas Zurdo u Seijo Veiguela, avukati)

Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinny)

Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell: Jian Min Ruan (Mem Martins, il-Portugall)

Talbiet tar-rikorrenti

- tannulla d-deċiżjoni tat-Tieni Bord tal-Appell tal-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinny) tal-4 ta' Ottubru 2010, mogħtija fil-Każ R 576/2010-2, u tiddikjara li skont l-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament dwar it-trade mark Komunitarja, il-UASI kellu jilqa' l-appell tal-parti li ressqt l-oppożizzjoni u li d-deċiżjoni tad-Diviżjoni tal-Oppożizzjoni li tilqa' r-reġistrazzjoni tat-trade mark Komunitarja "B" (MIXTA) fl-intier tagħha, taħt in-Nru 6.379.721 kellha tiġi miċħuda; u
- tikkundanna għall-ispejjeż il-parti jew partijiet li jopponu dan ir-rikors.

Motivi u argumenti prinċipali

Applikant għat-trade mark Komunitarja: Jian Min Ruan.

Trade mark Komunitarja kkonċernata: trade mark figurattiva ħamra u bajda li tinkludi l-ittra "B" għal prodotti fil-klassi 25.

Proprijetarju tat-trade mark jew tas-sinjal invokat insostenn tal-oppożizzjoni: ir-rikorrenti.

Trade mark jew sinjal invokat insostenn tal-oppożizzjoni: it-trade mark figurattiva li tinkludi l-ittra "B" għal prodotti fil-klassi 25

Deċiżjoni tad-Diviżjoni tal-Oppożizzjoni: oppożizzjoni miċħuda.

Deċiżjoni tal-Bord tal-Appell: appell milqugħ u oppożizzjoni miċħuda.

Motivi invokati: ksur tal-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009 (¹) inkwantu hemm probabbiltà ta' konfużjoni bejn it-trade marks inkwistjoni.

(¹) Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 207/2009, tas-26 ta' Frar 2009, dwar it-trade mark Komunitarja (ĠU L 78, p. 1).

Rikors ippreżentat fit-28 ta' Diċembru 2010 — Almunia Textil vs UASI — FIBA Europe (EuroBasket)

(Kawża T-596/10)

(2011/C 80/39)

Lingwa tar-rikors: l-Ispanjol

Partijiet

Rikorrenti: Almunia Textil SA (La Almunia de Doña Godina, Spanja) (rappreżentant: J. E. Astiz Suárez, avukat)

Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinny)

Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell: FIBA Europe eV (München, il-Ġermanja)

Talbiet tar-rikorrenti

- tannulla d-deċiżjoni tal-Ewwel Bord tal-Appell tal-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinny), tas-6 ta' Ottubru 2010, fil-Każ R 280/2010-1.

Motivi u argumenti prinċipali

Applikant għat-trade mark Komunitarja: FIBA Europe eV.

Trade mark Komunitarja kkonċernata: it-trade mark verbali "EuroBasket" għal prodotti u servizzi fil-klassijiet 9, 14, 16, 24, 25, 26, 28, 35, 38 u 41.

Proprijetarju tat-trade mark jew tas-sinjal invokat insostenn tal-oppożizzjoni: ir-rikorrenti.

Trade mark jew sinjal invokat insostenn tal-oppożizzjoni: it-trade mark figurattiva Komunitarja u nazzjonali li tinkludi l-element verbali "Basket", għal prodotti fil-klassijiet 18, 25 u 28.

Deċiżjoni tad-Diviżjoni tal-Oppożizzjoni: oppożizzjoni milqugħha parżjalment u applikazzjoni għal trade mark Komunitarja għall-prodotti fil-klassijiet 9, 25, 28 u 41 miċħuda parżjalment.

Deċiżjoni tal-Bord tal-Appell: appell milqugħ u oppożizzjoni miċħuda.

Motivi invokati: ksur tal-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009 (¹), peress li hemm probabbiltà ta' konfużjoni bejn it-trade marks kunfliġġenti.

(¹) Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 207/2009, tas-26 ta' Frar 2009, dwar it-trade mark Komunitarja (ĠU L 78, p. 1).